# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 767

KAZ NRU. 1026

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Maria Teresa Marsden/
Stephen Pace

u

'Grands Real Estate Agency'
u 'Sanmar Ltd'

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 3 ta' Dicembru, 1996

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

1. **INTRODUZZJONI**

Dan il-kaz kien gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 23 ta' April, 1996 Ref. ME 4/95/13/II biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal kien iddelibera dwar jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' Stephen Pace u Maria Teresa Marsden kienx jammonta ghal tkeccija jew rizenja u ddecieda permezz tad-Decizjoni Preliminari Nru. 751 tas-16 ta' Ottubru 1996 li t-terminazzjoni ta' l-impjieg taz-zewg appellanti kienet tkeccija.

It-Tribunal ghalhekk ghadda biex jisma’ t-trattazzjoni dwar jekk it-tkeccija kinitx ghal raguni tajba u sufficcjenti skond il-Ligi u dan sar fis-seduta mizmuma nhar il-Hamis 31 ta’ Ottubru, 1996.

Ghall-Kumpanija Grands Real Estate Agency u l-Kumpanija Sanmar Ltd dehru s-sur George Spiteri u s-sinjura Susan Spiteri, Direttur u Direttrici, assistiti mill-avukat Adrian Delia LL.D. waqt li l-appellanti kienu assistiti mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici LL.D.

## 2. **TRATTAZZJONI**

Is-socjetajiet ikkontendew li t-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-appellanti ma setghux jitqiesu ngusti ghar-raguni li ma gie stabbilit imkien tul is-smigh tal-kaz li kienu gew imkeccija anzi pjuttost fil-kaz tas-sinjura Marsden skond ix-xhieda taghha stess stqarret li wara l-inkontru li kellha mas-sur Spiteri xorta baqghet tahdem mid-dar.

Il-Kumpaniji sostnew li t-temm ta’ l-impjieg taz-zewg appellanti kien ir-rizultat li ma baqawx jattendu ghax-xoghol.

Fil-kaz ta’ Stephen Pace, il-parti appellata argumentat li l-versjoni tas-surgent tal-Pulizija li xehed dwar ir-rapport tas-sur Spiteri, kienet tammonta ghal-opinjoni wara li ghall-diversi drabi mar ikellmu Pace.

Dak li sehh waqt l-inkontru bejn is-sur Spiteri u s-sur Pace kien virtwalment jammonta ghal innegar tar-relazzjonijiet normali bejn id-direttur Spiteri u l-impjegat Pace, li ghalkemm kien suggettat ghal trattament hazin mis-subordinat tieghu, qatt ma ddikjara li kien kecca lil Pace.

Anzi baqa' jistenna lilu u lis-sinjura Marsden jirritornaw ghax-xoghol u kien biss fuq l-insistenza taghhom tramite l-E.T.C. li kien kostrett jimlilhom il-Formula tat-Temm ta' l-Impjieg bir-raguni "Resigned" wara li baqaw ma jirritornawx ghax-xoghol.

Il-parti appellata sostniet li l-argument ta' l-appellanti li gew mitluba jirritornaw il-karozza u t-telecell bhala konferma tat-tkeccija taghhom ma kienx validu ghax l-appellanti kienu konxji li dawn setghu jigu rtirati minghajr raguni, u li per se ma kien hemm l-ebda rabta li l-irtirar ta' dawn il-facilitajiet kienet tfisser tkeccija awtomatika.

Il-Kumpaniji sostnew li kienu l-istess appellanti li stqarrew quddiem it-Tribunal li ma setghux ikomplu jahdmu mal-Kumpaniji, ghax kienet spiccat il-fiducja u l-kolloborazzjoni mehtiega fix-xoghol taghhom.

Il-parti appellata ghalqet l-osservazzjonijiet taghha billi tenniet li ghalkemm sostniet li ma kienx hemm tkeccija, kien hemm izda l-ingredjenti kollha li wiehed jista' jghid setghu iwasslu ghall-tkeccija li kienet tkun gusta u mhux ingusta.

Minn naha ta' l-appellanti gie rritenut li x'gara wara l-inkotri li kellhom mas-sur Spiteri huwa rrilevanti. Li kien importanti skonthom huwa kif originat il-kwistjoni; fil-kaz ta' Pace kien is-sur Spiteri li ried ikellmu u mhux vici-versa; fil-fatt kienet diskursata dwar sitwazzjoni familjari u ghax Pace wera l-oggezzjoni tieghu ghad-diportament tas-sur Spiteri, is-sur Spiteri ddecieda li jitterminalu l-impjieg. L-istess ghamel fil-kaz ta' Marsden. L-appellanti kkontendew li kien il-mument tad-decizjoni li ha s-sur Spiteri fil-hin tar-rabja li kien rilevanti.

Huma kkontendew li bhala rizultat kien veru li r-relazzjonijiet bejnhom u s-sur Spiteri hzienu, izda dan ma kienx jiggustifika t-terminazzjoni ta’ l-impjieg taghhom ghax is-sur Spiteri ddikjara li kien lest jergaw ikomplu fl-impjieg, fattur fl-opinjoni taghhom li jista’ biss jinfluwenza d-danni li kkaguna s-sur Spiteri u zgur li ma tiggustifikax d-decizjoni tat-tkeccija.

L-appellanti sostnew li t-tkeccija taghhom ma kinitx gustifikata ghax ma kellha x’taqsam xejn ma l-impjieg taghhom meta s-sur Spiteri hallat kwistjoni familjari ma kwistjoni ta’ mpjieg.

3. **<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u>**

Wara d-Decizjoni Preliminari Nru. 751 tat-Tribunal li ddikjara t-terminazzjoni ta’ l-impjieg tal-appellanti Stephen Pace u Maria Teresa Marsden kienet tammonta ghal tkeccija, t-Tribunal ghadda biex jiddelibera jekk din kinitx ghall-raguni tajba u ;sufficcjenti skond il-Ligi.

It-Tribunal jifhem li ma ghandux ghalfejn jirrepeti r-ragunijiet li fuqhom iddecieda l-ghala t-terminazzjoni ta’ l-impjieg kienet tkeccija ghax fil-fehma meqjusa tieghu huwa sodisfatt li dan huwa manifestament car fid-Decizjoni Nru. 751.

It-Tribunal irid jirrijafferma li d-Decizjoni Preliminari tieghu ma saritx ghab-bazi ta’ l-opinjonijiet tax-xhieda mismugha izda fuq fatti u cirkostanzi stabbiliti.

F’dan ir-rigward it-Tribunal irid jirrimarka li rrespettivament minn dak li Pace qal lis-Surgent tal-Pulizija Calleja wara r-rapport ta’ George Spiteri, gie stabbilit li

ftit hin wara l-inkontru bejn Spiteri u Pace, is-surgent Calleja kien altru car u defenittiv li Spiteri ddeskriva lil Pace bhala “ex-impjegat”.

Tenut kont dan il-fatt u d-domanda biex Pace jirritorna l-karozza u t-telecell, jirrizulta li George Spiteri kien iddecieda li Pace ma kienx ghadu mpjegat u kwindi kien imkecci minghajr dubju ta’ xejn bhala rizultat ta’ dak li ntqal fl-inkontru li kellhom bejniethom, inkontru li originah George Spiteri meta nvita lil Pace biex ikellmu fuq affarijiet familjari.

Qatt ma kien il-kompitu ta’ dan it-Tribunal li jiddeciedi jekk George Spiteri kellux ragun jew tort fl-aspett familjari tal-kwestjoni. Pero’ hija l-fehma meqjusa tat-Tribunal u d-decizjoni tat-tkeccija kienet ikkagunata mis-sitwazzjoni familjari u rrendiet lil Spiteri urtat b’tali mod li ma hallitux jissepara l-aspett familjari minn dak tax-xoghol.

It-Tribunal huwa sodisfatt li meta George Spiteri qal lil Pace “tersaqlix l-hawnhekk” u aktar tard iddeskrivieh lill-Pulizija bhala “ex-impjegat” ma jhallux lok ghal ebda nterpretazzjoni ghajr dik ta’ tkeccija.

Ghar-rigward tal-kaz ta’ Maria Teresa Marsden, it-Tribunal ma jaqbilx mal-versjoni tal-parti appellata li l-frazi ta’ Marsden “Jekk tridu tkeccuni iktbuli” ghandha titqies li hija kienet tifhem u timplika li kienet tqis lilha ghadha fl-impjieg.

Fil-fehma tat-Tribunal din il-versjoni tal-parti appellata tammonta ghall-kontenzjoni jew ahjar interpretazzjoni unilaterali. Infatti anke fil-kaz taghha giet mitluba tirritorna l-karozza u t-telecell tal-Kumpanija.

Ghalkemm il-parti appellata sostniet, u dan mhux kuntestat, li dawn l-facilitajiet setghu jkunu rtirati fi kwalunkwe hin, ic-cirkostanzi kif gew mitluba jigu ritornati, jikkonfermaw it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanti.

Li Marsden bl-indhil taghha kienet involuta personalment fit-tilwim li kien hemm bejn il-konjugi Spiteri ma huwiex iddubitat u kwindi t-Tribunal jifhem ir-rejazzjoni ta' George Spiteri lli hassu ferm urtat mill-indhil taghha fir-relazzjonijiet konjugali tieghu.

It-Tribunal irid jaghmilha cara li dan qieghed jigi osservat minghajr l-ebda ntenzjoni li jiftiehem li Marsden kellha ragun tindahal, bejn George Spiteri u martu.

Jirrizulta izda li anke fil-kaz ta' Mrs Marsden, l-avvenimenti bejnha u George Spiteri rrendew l-impjieg taghha mal-Kumpanija impossibbli, u bhal fil-kaz ta' Pace, George Spiteri irreagixxa b'tali mod li assigura ruhu li Marsden ma tkunx aktar f'posizzjoni li tindahallu.

Tutto sommato, George Spiteri naqas anke fil-kaz ta' Marsden li jifred kwestjoni familjari min max-xoghol li kienet taghmel.

It-Tribunal irid ukoll josserva li Mrs Marsden fix-xhieda taghha konsistentement xehdet li George Spiteri qalilha "int tersaqlix lejn l-ufficcju ghax ....."

4. **DECIZJONI**

Ghaldaqstant, wara li t-Tribunal sema', ra u kkonsidra bir-reqqa l-osservazzjonijiet li ghamlu l-abbli difensuri tal-

partijiet dwar il-meriti jekk it-tkeccija ta' l-appellanti Stephen Pace u Maria Teresa Marsden kinitx ghall-raguni tajba u sufficcjenti skond il-Ligi, dejjem fid-dawl tal-fatti u c-cirkostanzi relatati mal-kaz kif ukoll fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq, isib li t-tkeccija taghhom mill-impjieg minn mal-Kumpaniji Grands Real Estate Agency u Sanmar Ltd ma kinitx ghall-raguni tajba u sufficcjenti skond il-Ligi.

It-Tribunal jiddeciedi li minhabba f'hekk iz-zewg appellanti msemmija ghandhom jinghatalhom kumpens li ghandu jkun ta' Elf Mija u Tnejn u Sittin Liri Maltin u Sitta u Erbghin Centezmi (Lm1162.46) lil Maria Teresa Marsden u Elf Mitejn u Tnax Liri Maltin u Tmienja u Tletin Centezmi (Lm1212.38) lil Stephen Pace.

Jordna li dan il-kumpens ghandu jithallas mill-Kumpaniji Grands Real Estate Agency u Sanmar Ltd lill-imsemmija appellanti sa mhux aktar tard minn Tletin Jum (30) mid-data ta' din id-Decizjoni.

Ghall-finijiet ta' hlas li ghandu jithallas liz-zewg difensuri, it-Tribunal jiffissa dan fis-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

----------------------
Carmel Debono
CHAIRMAN

------------------
Edwin Spiteri
SEGRETARJU
mrg